MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2009

Numru. 733/2007

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Alan Debattista, iben Anthony, imwieled Pieta' fit-28 ta' Mejju, 1982

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-26 ta' Mejju, 2009, ġewwa l-Belt, Valletta u f'postijiet oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:
a. iffalsifika jew biddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, għamel użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid;

b. għamel użu, xjentment, ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħ merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema;
c. xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew zamm għandu għall-bejgħ jew jimporta għal ħsieb ta’ kummerċ, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema mxebbħin b’qerq;
u cioe’ 2,431 DVD films u CDs tal-muzika.

2. talli fl-istess data, lokalitajiet u ċirkostanżi, għal qliegħ, jew bi skop ta’ kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduċja jew ikkopja, jew biegħ, qassam jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta’ Malta jew taħtha;

Talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b’diversi sentenżi mogħtija minn diversi Qrati ta’ Malta, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta’ ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni skont il-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-kwereli.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Mejju, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 298(1)(a)(ċ)(f) u 298B tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ elfejn euro (€2,000). Minbarra dan, tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tal-oġġetti eżebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------